**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 5 ta' Mejju 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 80/2016JVC**

**Robert Nogacki fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' Silvia Maria Vega Arce**

**Vs**

**Is-socjeta' "Shriram Properties Ltd" u s-socjeta' Ciprijotta "Berectus Creative Limited"**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine li ppremetta:-

Premess illi l-attrici akkwistat fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) elf mija u disgha u disghin (1,199) sehem ordinarju mhallsa kompletament ta' euro wiehed (€1)-il wiehed fis-socjeta' "Shriram Properties Ltd." u dana kif jidher fid-dokument Form T hawn annessa bhala Dok. "A".

Illi sussegwentement fit-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) dahlet Form T ohra fir-Registru tal-Kumpanija hawn anness bhala Dok. "B" illi allegatament giet iffirmata u kkunsinjata mill-attrici. F'dan id-dokument Form T, gie dikjarat illi l-attrici ttrasferiet l-imsemmija ishma fi "Shriram Properties Ltd" lis-socjeta' Ciprijotta "Berectus Creative Limited" bin-numru ta' registrazzjoni HE 323589 u dan b'effett mill-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014).

Illi l-attrici qatt ma kellha l-ebda kuntatt mal-imsemmija socjeta' Ciprijotta u tichad illi hija b'xi mod ittrasferiet l-ishma taghha fi "Shriram Properties Ltd" lil din is-socjeta' Ciprijotta.

Illi fl-istess jum tat-30 ta' Marzu 2015 dahlet Form K fir-Registru tal-Kumpaniji illi qeghdha tigi hawn tigi esebita bhala Dok. "C" illi permezz taghha l-attrici allegatament iddikjarat illi rrizenjat minn direttur tas-socjeta' "Shriram Properties Ltd" u minflokha nhatret l-imsemmija socjeta' Ciprijotta "Berectus Creative Limited" u dan ukoll b'effett mill-1 ta' Settembru tas-sena 2014. Illi l-attrici tichad illi hija qatt irrizenjat minn direttur ta' "Shriram Properties Ltd."

Illi l-attrici kkummissjonat lill-esperta kaligrafika Dr Juliana Scerri Ferrante sabiex tikkonstata l-awtenticita' tal-firem taghha fuq dawn iz-zewg dokumenti hawn annessi bhala Dok. "B" u "C". Illi r-relazzjoni tal-imsemmija Dr Juliana Scerri Ferrante qeghdha hawn tigi esebita bhala Dok. "D".

Illi minn premess huwa evidenti illi xi hadd mhux maghruf iffalsifika l-firma tal-attrici fuq dawn iz-zewg dokumenti hawn annessi bhala Dok. "B" u "C" u kkonsenja l-imsemmija Form T u Form K lir-Registratur tal-Kumpaniji minflokha.

Illi fl-istess jum tat-30 ta' Marzu 2015 dahlet ukoll fir-Registru tal-Kumpaniji Form K ohra hawn annessa bhala Dok. "E" illi giet iffirmata minn certa Aikaterini Tserikisoglou illi permezz taghha ddikjarat illi nhatret segretarja ta' "Shriram Properties Ltd" b'effett mill-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015). Illi dina l-hatra ukoll saret ad insaputa tal-attrici.

Illi sussegwentement l-istess Aikaterini Tserikisoglou pprezentat fir-Registru tal-Kumpanija Form Q hawn annessa bhala Dok."F" illi permezz taghha ddikjarat illi "Shriram Properties Ltd." bidlet l-ufficju registrat taghha ghal 3, Triq Sant'Ursola, Victoria, Ghawdex u dana b'effett mill-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Illi dina l-bidla ukoll saret ad insaputa tal-attrici.

Illi bhala rizultat ta' dan kollu, l-attrici giet ipprivata mill-kontroll u l-pussess tal-ishma taghha fi Shriram Properties Ltd. u konsegwentement, anke tilfet il-kontroll ta' l-istess Shriram Properties Ltd.

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi d-dokumenti hawn annessi bhala Dok. "B" u "C" ma gewx iffirmati mill-attrici u lanqas ma gew ipprezentati minnha lir-Registratur tal-Kumpaniji;

2. Konsegwentement tannulla t-trasferiment tal-ishma tal-attrici fi "Shriram Properties Ltd" lis-socjeta' Ciprijotta "Berectus Creative Limited" qisu qatt ma kien;

3. Tordna n-notifika tas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex jirripristina fir-Registru tieghu lill-attrici bhala l-proprjetarja ta' 1,199 sehem ordinarju fi "Shriram Properties Ltd";

4. Tordna lill-kumpanija konvenuta "Shriram Properties Ltd" sabiex taggorna r-registru tal-membri taghha skont is-sentenza li taghti dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawn tal-mandat t'inibizzjoni illi qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat.

B'riserva ghat-talba ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kommessi mis-socjeta' Ciprijota "Berectus Creative Limited"

Bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghalija minn issa huma mharrkin.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjetajiet konvenuti li eccepew:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom;

2. Illi b'mod preliminari, l-mandatarju tar-rikorrenti ghandu jipprova li hu verament awtorizzat sabiex jagixxi ghan-nom tar-rikorrenti Silvia Maria Vega Arce. Illi din l-eccezzjoni qed titressaq specjalment in vista tal-proceduri pendenti fil-Polonja fil-konfront tal-istess madatarju Robert Nagacki mressqa da parte tas-socjeta' intimata Shriram Properties Limited in kwantu l-istess mandatarju agixxa ghan-nom tal-imsemmija socjeta' minghajr ma kien awtorizzat. Illi in oltre, kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tal-kawza, l-ghan esklussiv u ahhari tal-mandatarju Robert Nogacki mhuwiex li jissalvagwardja l-allegati nteressi ta' Silvia Maria Vega Arce izda li jikseb il-kontroll tas-socjeta' intimata Shriram Properties Limited sabiex ikun jista' jwaqqafha milli tkompli bil-proceduri msemmija fil-Polonja fil-konfront tieghu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, m'huwiex minnu li l-firem ta' Silvia Maria Vega Arce fuq id-dokument Dok B. U Dok. C mar-rikors guramentat huma falsifikati;

4. Illi t-trasferiment tal-ishma fis-socjeta' intimata Shriram Properties Limited minn Silvia Maria Vega Arce lis-socjeta' intimata Berectus Creative Limited hu validu u effettiv;

5. Illi r-rizenja ta' Silvia Maria Vega Arce minn direttrici tas-socjeta' intimata Shriram Properties Limited hi valida u effettiva;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, m'huwiex mehtieg li d-dokumenti Dok. B u Dok. C mar-rikors guramentat jigu kkonsenjati jew ipprezentati lir-Registru tal-Kumpaniji minn Silvia Maria Vega Arce personalment u n-nuqqas ta' tali konsenja jew prezentazzjoni da parte ta' Silvia Maria Vega Arce personalment ma jimpingi xejn fuq il-validita' tal-istess dokumenti jew tar-registrazzjoni taghhom mar-Registru tal-Kumpaniji kif se jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, m'huwiex minnu li Sylvia Maria Vega Arce giet ipprivata mill-kontroll tas-socjeta' intimata Shriram Properties Limited. It-trasferiment tal-ishma u r-rizenja minn direttrici da parte ta' Silvia Maria Vega Arce sehhew volontarjament da parte taghha nhar l-1 ta'

Setembru 2014 u r-registrazzjoni tal-istess mar-Registru tal-Kumpaniji sehhet nhar it-30 ta' Marzu 2015. Pero' hu biss illum, sena u nofs wara li Silvia Maria Vega Arce giet allegatament ipprivata mill-kontroll tas-socjeta' Shriram Properties Limited, li tressqet din il-kawza, mhux minnha personalment, izda permezz ta' allegat mandatarju li b'koincidenza qed jiffacca proceduri fil-konfront tieghu fil-Polonja mressqa mis-socjeta' intimata Shriram Properties Limited;

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, fi kwalunkwe kaz u bid-dovut rispett, l-ezami maghmul mill-esperta kaligrafika mqabbda mir-rikorrenti m'huwiex sufficjenti ai termini tal-ligi sabiex jipprova dak allegat mir-rikorrenti *inter alia* in kwantu jirrizulta li ma sarx ezami tal-kitba ta' Silvia Maria Vega Arce fil-prezenza tal-esperta, kif normalment isir, izda l-ezami u l-konkluzjonijiet tal-istess esperta huma bbazati semplicement fuq paragun ma' firem ohra fuq dokumenti ohra u ghalhekk dan zgur ma jikkostitwiex l-aqwa prova rikjesta fil-ligi;

9. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, it-trasferiment tal-ishma u r-rizenja in kwistjoni u d-dokumenti kollha relattivi, fosthom *share transfer agreement*, Form T, Form K u ittra ta' rizenja mill-kariga ta' direttrici, gew kollha ffirmati minn Silvia Maria Vega Arce quddiem Nutar Pubbliku u fil-prezenza ta' zewg xhieda, fejn in-Nutar Pubbliku vverifika wkoll l-identita' tal-istess Silvia Maria Vega Arce, kif jirrizulta mid-dokument ossia att notarili hawn anness bhala Dok. SPL1 u t-traduzzjoni relattiva hawn annessa bhala Dok.SPL2;

10. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, is-socjetajiet intimati wkoll ingaggaw espert kaligrafiku li kkonkludiet li l-firma fuq id-dokumenti kollha in kwistjoni hi fil-fatt dik ta' Silvia Maria Vega Arce, kif se jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;

11. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, Silvia Maria Vega Arce iffirmat quddiem Nutar Pubbliku dikjarazzjoni u obbligazzjoni fis-sens illi ghandha taccetta struzzjonijiet moghtija lilha mis-socjeta' intimata Shriram Properties Limited meta dawn huma derivanti unikament mill-*ultimate beneficial owner* (UBO) tal-istess u li m'hi se taccetta l-ebda struzzjonijiet relattivi ghall-istess socjeta' da parte ta' Robert Nogacki u cioe' l-allegat mandatarju ta' Silvia Maria Vega Arce f'dawn il-proceduri (vide 'Letter of Obligation' Dok. SPL3). Illi ghalhekk ukoll Robert Nogacki ghandu jipprova li hu fil-fatt awtorizzat jagixxi ghan-nom ta' Silvia Maria Vega Arce f'dawn il-proceduri;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-mandat ta' inibizzjoni allegat bin-numru 43/2016 PC;

Rat illi fil-verbal tat-18 ta' Novembru, 2016 din il-Qorti ordnat li jitressqu provi dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti;

Rat illi fis-smiegh ta' nhar l-24 ta' Frar, 2017, Dr. Ellis ghan-nom tal-attur nomine pprezenta dokument deskritt bhala 'prokura ta' Silvia Maria Vega' (esebit a fol. 54 tal-process). Rat ukoll li fl-istess smiegh il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet orali taghhom dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti lil din il-Qorti u l-kawza thalliet ghad-decizjoni preliminari dwar l-istess eccezzjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza fejn Robert Nogacki allegatament bhala mandatarju ta' Silvia Maria Vega Arce qed jallega li firem fuq dokumenti ta' trasferiment ta' ishma u rizenja minn direttur tal-istess Silvia Maria Vela Arce mill-kumpanija Shriram Properties Limited kienu falsifikati u ghaldaqstant qed jitlob rimedju lil din il-Qorti. Illi da parti taghhom is-socjetajiet konvenuti filwaqt li fil-mertu jichdu li d-dokumenti in kwistjoni gew iffalsifikati, preliminarjament qajmu t-tieni eccezzjoni taghhom kif isegwi:

*'Illi b'mod preliminari, il-mandatarju tar-rikorrenti ghandu jipprova li hu verament awtorizzat sabiex jagixxi ghan-nom tar-rikorrenti Silvia Maria Vega Arce. Illi din l-eccezzjoni qed titressaq specjalment in vista tal-proceduri pendenti fil-Polonja fil-konfront tal-istess madatarju Robert Nagacki mressqa da parte tas-socjeta' intimata Shriram Properties Limited in kwantu l-istess mandatarju agixxa ghan-nom tal-imsemmija socjeta' minghajr ma kien awtorizzat. Illi in oltre, kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tal-kawza, l-ghan esklussiv u ahhari tal-mandatarju Robert Nogacki mhuwiex li jissalvagwardja l-allegati nteressi ta' Silvia Maria Vega Arce izda li jikseb il-kontroll tas-socjeta' intimata Shriram Properties Limited sabiex ikun jista' jwaqqafha milli tkompli bil-proceduri msemmija fil-Polonja fil-konfront tieghu.'*

Illi da parti taghhom is-socjetajiet konvenuti ma ressqu l-ebda prova ulterjuri ghajr ghal dak gia esebit fl-atti fir-rigward ta' din l-eccezzjoni nkluz l-atti tal-mandat u nsistew li din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha stante li ma giet prezentata l-ebda prokura valida fl-atti da parti ta' Silvia Maria Vega Arce a favur Robert Nogacki.

Illi da parti tieghu l-Avukati tal-attrici pprezenta a fol. 54 dokument li huwa sejjahlu prokura li l-attrici Silvia Maria Vega Arce ffirmat favur Robert Nogacki. Dan id-dokument jinsab esebit a fol. 54 tal-process u *prima facie* jidher li huwa ffirmat fl-original. Dan id-dokument izda ma jgib l-ebda data u lanqas huwa attestat minn Nutar Pubbliku jew persuna ohra awtorizzata li tikkonferma li dak id-dokument gie verament ffirmat quddiemha minn Silvia Maria Vega Arce. Dan il-fatt jistona wkoll mal-fatt illi l-prokuri l-ohra kollha esebiti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni u li huma kollha bl-istess forma jew simili kollha jgibu maghhom ukoll dikjarazzjoni tal-awtenticita' u l-identifikazzjoni ta' Silvia Maria Vega Arce li ffirmat id-dokument.

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-avukat tal-attrici nsista li l-prokura setghet saret kemm b'mod verbali kif ukoll ghamel referenza ghad-dokument RM 1 esebit fl-atti tal-mandat li jidher ukoll li huwa prokura mill-attrici a favur ta' Robert Nogacki datata 22 ta' Jannar, 2015 u li skont l-Avukat tal-attrici hija bizzejjed sabiex setghet giet intavolata l-kawza odjerna da parti ta' Robert Nogacki.

Illi din il-Qorti qrat sew il-prokura mmarkata bhala dokument RN 1 fl-atti tal-mandat u tirrileva li mkien f'din il-prokura ma sabet xi tip ta' awtorizzazzjoni a favur Robert Nogacki minn Silvia Maria Vega Arce sabiex jiftah il-kawza odjerna bil-kawzali kontenuti fiha. Lanqas tqis li din il-prokura tista' tinghata interpretazzjoni daqshekk wiesgha li tinkludi l-intavolar ta' din il-kawza. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tqisx li dik il-prokura mmarkata RN 1 fl-atti tal-mandat tista' sservi sabiex ixxejjen it-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti.

Illi fir-rigward tas-sottomissjoni tal-Avukat Ellis li l-prokura sabiex tkun valida tista' tkun anki verbali, din il-Qorti assolutament ma taqbilx specjalment f'cirkustanzi fejn l-istess Robert Nogacki qatt ma deher quddiem din il-Qorti almenu sabiex jikkonferma bil-gurament tali mandat a favur tieghu u c-cirkustanzi li fih inghatalu dan l-allegat mandat.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Prokuratur Legali John Privitera noe vs. Josehpine armla ta' Carmelo Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (109/2011MC deciza 13/7/2012) dik l-Onorabbli Qorti fir-rigward ta' dubju dwar validita' ta' prokura minhabba zmien twil li kien ghadda minn meta nghatat iddikjarat kif isegwi:

*'Sakemm ma jirrizultax l-estremi tal-artikolu 1886 tal-Kodici Civili dwar kif tispicca prokura, prokura tibqa' valida u l-prezunzjoni ghandha tkun li hi valida. Pero' din il-prezunzjoni hi wahda iuris tantum ghax f'kaz fejn jinsorgi d-dubbju jew tintalab prova cara tal-awtenticita' tad-dokument, jinkombi fuq min qed jivvanta l-awtorita' bil-prokura li juru bil-mezzi idoneji u ragonevoli li l-prokura ghadha valida.*

*F'dan il-kaz il-konvenuta oltre l-allegazzjoni li prokura ma ghandhiex sahha oltre hames snin, allegazzjoni li din il-Qorti ma tqis li hi fondata fil-ligi, saret ukoll it-talba li l-prokuratur igib prova cara li s-sidien ghadhom kollha hajjin u msefrin. Din it-talba meta tqis t-trapass ta' zmien mindu saret il-prokura hi gustifikata f'ghajnejn il-Qorti.*

*L-artikolu 1886 tal-Kap. 16 fil-fatt ighid illi prokura tigi terminata bis-segwenti modi u cioe a. bir-revoka tal-prokura; b. bil-mewt, interdizzjoni jew inkapacitazzjoni tal-mandat, falliment tal-mandant jew cessio bonorum tal-mandant jew mandatarju;*

*c. bi tmiem il-poteri tal-mandat; d. b'gheluq iz-zmien li ghaliha tkun saret il-prokura.*

*L-attur kellu jipprezenta dokumenti a rigward ghax hekk iddikjara fl-affidavit tieghu. Din il-Qorti taghtu l-opportunita' anki wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza biex iressaq din il-prova. L-attur nomine naqas li jaghmel dan.*

*Rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni din il-Qorti jidhlielha dubbju serji kemm l-attur ghadu fil-fatt*

*igawdi mandat minghand il-persuni ndikati fl-istess prokura meta ma ngiebet ebda prova jekk ghadhomx hajjin fl-ewwel lok u jekk ghadhomx residenti barra minn dawn il-gzejjer. It-talba tal-konvenuta mhix kapriccjuza peress illi hu ragonevoli li prokuratur ikollu kuntatt mal-mandant tieghu, qed jirredigi u jikkunsenja lill-mandant rendikont regolari tal-operat tieghu u ghalhekk ghad hemm xi forma ta' kuntatt bejn il-mandant u l-mandatarju. Dawn huma provi necessitati mill-eccezzjoni tal-konvenuta meqjusa bhala wahda gustifikata fic-cirkostanzi.*

*L-attur nomine ma rnexxilux jiddisimpenja ruhu minn din il-prova krucjali biex jipprosegwi fil-kawza fil-vesti li qed jassumiha.'*

Illi fir-rigward tal-prokura esebita a fol. 54 tal-process din il-Qorti ma tistax tqis din il-prokura bhala wahda valida principalment ghal zewg ragunijiet:

(1) Dan id-dokument ma ghandu l-ebda data filwaqt li l-Avukat Ellis iddikjara fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti li dak id-dokument sahansitra wasal ghandu wara li kien gie prezentat ir-rikors guramentat;

(2) Illi l-firma ta' Silvia Maria Vega Acre bl-ebda mod ma giet awtentikata fuq l-istess dokument, ghall-kuntrarju ta' diversi dokumenti ohra esebiti partikolarment fl-atti tal-mandat. Dan iqajjem dubju kbir f'mohh din il-Qorti dwar l-awtenticita' ta' dan id-dokument u f'cirkustanzi fejn il-kawza u l-vertenzi kollha bejn il-partijiet (anki fi Qrati barra minn Malta) huma appuntu fuq allegazzjoni ta' falsifikar ta' firem, din il-Qorti ma tistax tiehu n-nuqqas ta' awtentifikazzjoni tal-firma fuq il-prokura 'alla leggera'.

Illi l-artikolu 630 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra illi:

*'L-atti u r-registri ta' nutara pubblici ta' pajjizi barranin, awtentikati skont l-artikolu 628, huma ammissibbli bi prova u jistghu jippruvaw dak li jkun fihom bl-istess mod bhall atti msemmijing l-artikolu 627.'*

Din il-Qorti ma tistax tifhem ir-raguni ghalfejn filwaqt li fl-atti gew esebiti kopji ta' bosta prokuri awtentikati, l-attur nomine naqas milli jesebixxi fl-atti appuntu l-aktar dokument importanti f'dan l-istadju tal-proceduri debitament awtentikat skont il-ligi sabiex b'hekk ma jkun hemm l-ebda dubju f'mohh din il-Qorti dwar il-validita' tal-prokura moghtija lilu minn Silvia Maria Vega Acre. Appuntu, kif issostni wkoll il-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata, f'kaz fejn jitqajjem dubju jew tintalab prova cara tal-awtenticita' tad-dokument f'dan il-kaz tal-prokura esebita fl-atti, jinkombi fuq min qed jivvanta l-awtorita' bil-prokura cioe' l-attur nomine li juri bil-mezzi idoneji u ragonevoli li l-prokura hija wahda valida u l-awtentikazzjoni tal-istess dokument minn persuna debitament awtorizzata kienet taghti tali prova. Il-fatt li dan huwa l-uniku dokument fejn appuntu ma saritx l-awtentikazzjoni meta komparat ma' ohrajn simili esebiti fl-atti u li gie esebit bla data aktar iqajjem dubji f'din il-Qorti dwar l-awtenticita' tad-dokument.

Mill-atti kollha u in vista ta' dak suespost, din il-Qorti tqis li r-rikorrent nomine ma rnexxielux iressaq quddiemha prova sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi sabiex

jevidenzja li verament huwa awtorizzat sabiex jagixxi ghan-nom ta' Silvia Maria Vega Arce fl-atti ta' dan ir-rikors guramentat u ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti jisthoqq li tigi milqugha.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta u tiddeciedi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti billi tilqa' l-istess eccezzjoni u tiddikjara li Robert Nogacki ma rnexxielux iressaq prova sufficjenti li hu verament awtorizzat sabiex jagixxi ghan-nom tar-rikorrenti Silvia Maria Vega Arce f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors guramentat odjern.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti nomine.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur